**PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**IMHALLEF**

Onor. Dr. Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

**Rikors Guramentat Nru: 1313/2024 GG**

**Penelope Ann Deguara (K.I. 0272107L)**

**-vs.-**

**Mary Rose Cristauro (K.I. 819750M)**

**Salvatore Cristauro (K.I. 655981M)**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 22 ta' Jannar, 2025**

**Kawza Nru: 1**

**Il-Qorti**,

Rat ir-rikors guramentat ta' Penelope Ann Deguara mressaq fir-registru ta' din il-Qorti fit-28 ta' Novembru, 2024 li bih, wara li ppremettiet illi hija kreditrici tal-konvenuti fis-somma ta' tletin elf euro (€30,000) rapprezentanti self brevi manu moghti lill-istess konvenuti (ara kopja ta' skrittura Dok PD1 a fol 9) u li interpellati jirritornaw is-somma baqghu inadempjenti u li ghalhekk id-debitu fil-fehma taghha huwa cert, likwidu u dovut u li l-istess konvenuti

ma ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu. B'hekk talbet lill-din il-Qorti sabiex:

(1) **Taqta' u Tiddeciedi** t-talba tar-rikorrenti u tghaddi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smigh tal-kawza skond l-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta;

(2) **Tiddikjara** illi l-intimati huma debituri tar-rikorrenti fl-ammont ta' tletin elf Ewro (€30,000) rapprezentanti s-sehem taghha mill-bilanc ta' debitu dovut skont l-iskrittura privata su citata;

(3) **Tikkundanna u Tordna** lill-intimati sabiex ihallsu lir-rikorrenti s-somma ta' tletin elf Ewro (€30,000)

Bl-ispejjez kontra l-intimati inkluz dawk marbuta mal-ittra gudizzjarja bin-numru 4278/2024 u s-sekwestru kawtelatorju li qieghed jigi pprezentat kontestwalment ma' din il-kawza u bl-ingunzjoni tal-istess intimati in subizzjoni.

Rat id-digriet taghha tat-3 ta' Dicembru, 2024 li bih appuntat il-kawza ghas-smigh ghas-seduta tas-7 ta' Jannar 2025 fis-13:00 b'ordni lill-konvenuti biex jidhru f'dak il-jum u jwiegbu ghat-talba tal-attrici u, fin-nuqqas, il-Qorti tghaddi biex tiddeciedi minnufih il-kawza billi tilqa' t-talba tal-attrici, kif ukoll ordnat n-notifika tar-Rikors Mahluf u tal-Avviz tas-smigh tal-kawza lill-partijiet;

Rat illi l-partijiet, debitament notifikati, dehru fl-udjenza tas-7 ta' Jannar, 2025 u qablu li qabel mal-konvenuti jressqu ragunijiet biex juri li ghandhom eccezzjonijiet x'jaghtu skond il-ligi, jinghataw zmien qasir biex jitransigu l-pendenza;

Rat illi fl-udjenza sussegwenti tal-21 ta' Jannar, 2025, l-konvenuti ammettew it-talbiet tal-attrici permezz ta' nota prezentata fl-istess udjenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

1. Illi permezz ta' affidavit akkluz mar-rikors mahluf skond il-ligi, ir-rikorrent iddikjarat li hi u zewgha minnu aktar tard separata u minnha promort kienu silfu b'mod *brevi manu* lill-konvenuti l-ammont ta' sitt elf Ewro (60,000) liema somma qatt ma kienet minnhom rifuza. Spjegat ukoll illi wara s-separazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti hija intitolata ghall-nofs din is-somma u ghalhekk minkejja diversi talbiet, il-konvenuti baqghu inadempjenti;

2. Illi wara li rat in-nota ta' ammissjoni u wara li rat l-atti inkluz d-dokumenti esebiti, fosthom l-iskrittura ta' self, it-testment tad-defunt Victor Deguara, t-talbiet tal-attrici huma debitament pruvati u jimmeritaw li jkunu akkolti;

**Decide:**

Ghalhekk ghar-ragunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

**Tilqa** l-ewwel talba tar-rikorrenti sabiex din il-Qorti tipprocedi ghas-sentenza bid-dispensa ta' smigh skond l-artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-ligijiet ta' Malta;

**Tiddikjara** illi l-intimati huma debituri tar-rikorrenti fl-ammont ta' tletin elf Ewro (€30,000) rapprezentanti s-sehem taghha mill-bilanc ta' debitu dovut rapprezentanti self *brevi manu*;

**Tikkundanna u Tordna** lill-intimati sabiex ihallsu lir-rikorrenti s-somma ta' tletin elf Ewro (€30,000)

Bl-ispejjez kontra l-intimati inkluz dawk marbuta mal-ittra gudizzjarja bin-numru 4278/2024 u s-sekwestru kawtelatorju li pprezentat kontestwalment ma' din il-kawza.

______________________________

Onor. Dr. Giovanni M Grixti

Imhallef

______________________________

Nicole Cini

Deputat Registratur